MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2014

Numru. 529/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs.**

**Brian Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Brian Vella**, ta' wiehed u erbghin (41) sena, iben Francis u Gemma xebba Grech, imwieled Pietà nhar il-15 ta' Gunju 1970, residenti 55, Flat 4, Triq il-Konservatorju, Floriana u detentur ta' Karta tal-Identita' bin-Numru 252570(M) akkuzat talli nhar is-17 ta' April 2012, ghall-habta tal-erbgha u nofs (16.30 hrs) ta' wara nofs inhar, gewwa l-Belt Valletta:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Dorianne Caruana, f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi u cioé ksur f'idejha, hekk kif iccertifikat Dr. S. Frendo MD;

2. bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Jonathan Pace detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 322777M, biza li se tintuza vjolenza kontrih meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Jonathan Pace biza' li ser tintuza vjolenza kontrih f'xi okkazjoni;

3. fl-istess zmien u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Jonathan Pace u/jew b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal Jonathan Pace;

4. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioé DVH 140 (DVD *recorder)*, liema hsara tammonta ghal €45 a detriment ta' Jonathan Pace (ID: 322777M);

5. fl-istess zmien u cirkostanzi ingurja u/jew hedded lil Jonathan Pace;

6. ikkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta' liberta' kondizzjonata ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, presjeduta mill-Magistrat Dr. Anthony J. Vella LL.D. nhar is-27 ta' Frar 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Jonathan Pace u r-residenza tieghu kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 56) datata 4 ta' Dicembru 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 214, 215, 216, u 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikolu 339(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(f) fl-Artikoli 23 tal-Att dwar il-*Probation*, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) fl-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-28 ta' Frar 2013 (*a fol.* 66), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-4 ta' Dicembru 2012 (*a fol.* 56), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Rat in-Nota ta' Dorianne Caruana (Dok. "RS 1" – *a fol.* 68) fejn inghad is-segwenti: *"Li permezz taghha tirrileva li hija separata minn Brian Vella u li ghandhom zewgt itfal u li tixtieq tahfer lil Brian Vella ghal dak li ghamlilha u li wasslu ghal dawn il-proceduri b'dan illi l-istess Brian Vella m'ghandux jimmolestaha ghal ebda raguni"*.

Semghet is-sottomissjonijiet finali da parti tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 82 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2012, xehdet **Dorianne Caruana** (*a fol.* 15 *et seq.*) fejn qalet li l-imputat kien ir-ragel taghha li minn mieghu hadet is-separazzjoni f'Settembru 2011. Tispjega li dakinhar tas-17 ta' April 2012 habib taghha bl-isem ta' Jonathan Pace kien jinsab ghandha fil-hin li l-imputat kellu jirritorna lit-tifel taghhom. Tghid li lil Pace qaltlu biex jitla fuq il-bejt sakemm jitla t-tifel ma jmurx mat-tifel jitla l-imputat u jsib lil Pace maghha. Tispjega li wara li tela' t-tifel, semget hafna ghajjat u storbju, cemplilha Pace u qalilha biex titla' hdejh ghax kien hemm l-imputat bil-gebel f'idu u hekk kif telghet fuq il-bejt sabet lill-imputat b'gebla f'idu u lil Pace jdur mat-turetta. Tghid li marret tipprova

tikkalma lill-imputat u taha daqqa ta' ras u fetah il-punti li kellu. Tghid li sakemm kienet qed izzomm lill-imputat, Pace skidja l-isfel, nizel it-tarag u Pace beda joffendi lill-imputat u l-imputat mar warajh u beda jdur fil-kmamar kollha. Tghid li meta kien gewwa, l-imputat kisser inkwatru taghhom tal-*going away.* Tixhed li spiccat b'idha x-xellugija miksura pero tghid li ma tafx biex. Tghid li ghamlulha l-gibs u damet bih sitt gimghat.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-imputat u Pace bdew jigru wara xulxin. Tghid li bdiet izzomm mal-imputat peress li kellu garanzija u bdiet tibza li kien ser jiksirha. Tghid li Pace mar ghandha biex jigbor DVD u hadu pero tghid li mal-art fuq il-bejt rat id-DVD tieghu (ta' Pace). Tispjega li l-imputat kien nervuz hafna.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Jonathan Pace** (*a fol.* 20 *et seq.*) fejn spjega li fis-17 ta' April 2012 mar ghand il-habiba tieghu Dorianne Caruana biex jigbor DVD li kien selfilha u li fil-hin li kien ghandha mar l-imputat biex jiehu t-tifel. Jghid li fil-hin li mar l-imputat, hu tela' fuq il-bejt biex jevita jara lill-imputat, pero l-imputat tela' fuq il-bejt, qabad gebla u l-imputat beda jigri warajh u beda jghidlu li kien ser joqtlu. Spjega li wara li cempel lil Dorianne Caruana, Caruana telghet fuq il-bejt biex izzomm lill-imputat, u wara li ghamlet hekk, hu (Pace) sgicca u nizel l-isfel u mar l-Ghassa jaghmel rapport. Jghid li wara li ghamel hekk, mar biex jigbor id-DVD *player* u Dorianne Caruana qaltlu li l-imputat kien tefghu x'imkien faccata u hu (Pace) mar jigbru minn hemm u sabu mkisser. Jghid li dan id-DVD xtrah Euro 45. Ezebixxa rcevuta tad-DVD, liema rcevuta giet mmarkata bhala Dok. "JP 1" (*a fol.* 23).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012, xehdet **Dr. Stephanie Frendo** (*a fol.* 31 *et seq.*) rigward ic-certifikat mediku redatt minnha li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "SF 1" (*a fol.* 33). Ikkonfermat dan ic-certifikat u xehdet li sabet li Dorianne Caruana kienet qed issofri minn ksur fil-hames ghadma ta' idha x-xellugija u kklasifikat dawn il-griehi bhala gravi.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012, xehdet ukoll **WPS 250 Amanda Bunce** (*a fol.* 34 *et seq.*) fejn qalet li fis-17 ta' April 2012 kien mar l-Ghassa Jonathan Pace u ghamel rapport fuq dak li xehed fuqu. Tghid li, flimkien ma' PC 1393, marret ir-residenza ta' Dorianne Caruana fejn sabu lill-imputat ghandha. Tghid li Caruana biex tikkomplejnja li kienet qed tugaghha hafna idha. Tispjega li Pace kien jidher mbezza' u qalilhom biex jiehdu passi ghax din ma kienitx l-ewwel darba li grat. Tghid: *"Doriane Caruana stqarret li Brian Vella kien qieghed fuq il-bejt u x'hin hija ppruvat tikkalma s-sitwazzjoni, huwa rewielha jdejha"* (*a fol.* 35). Ezebiet **ce**rtifikat mediku rilaxxat minn Dr. J. Farrugia li gie mmarkat bhala Dok. "AB 1" (*a fol.* 37). Ezebiet ukoll ir-rapport mhejji minnha li gie mmarkat bhala Dok. "AB 2" (*a fol.* 43 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012, xehed ukoll **PC 1393 Kurt Farrugia** (*a fol.* 38 *et seq.*) fejn xehed fuq l-istess linji ta' WPS 250 Amanda Bunce. Jghid: *"Din [Dorianne Caruana] telghet fuq fejn sabet din ix-xena u x'hin ppruvat izzomm lil Brian, dan rewielha idha u taha daqqa ta' ras"* (*a fol.* 39).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2012, xehdet l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Kylie Borg** (*a fol.* 52 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnha fir-rigward ta' dak li gara fis-17 ta' April 2012. Tixhed fuq dak li qalulha Dorianne Caruana, Jonathan Pace u kif ukoll l-imputat. Tghid li Dorianne Caruana qaltilha li kienet telghet fuq il-bejt u bdiet tipprova zzomm lill-imputat u qaltilha li fil-konfuzjoni ma kienitx taf ezatt kif graw l-affarijiet. Tghid: *"Qaltli li kienet tiftakar li Brian kien imbuttaha, taha daqqa ta' ras, hu fetah mohhu u beda hiereg id-demm, umbaghad kien qabad gebla u ghamilhielha ma' wiccha"* (*a fol.* 53). Tghid li l-imputat kien ammetta maghha li fil-fixkla kien verament waddab id-*DVD* minn fuq il-bejt tal-appartament ta' Dorianne Caruana ghal fuq il-bejt fil-vicin u li kien anke ghamel hsara fil-*frame* u fit-telefon tad-dar residenzjali.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Kylie Borg** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2012 (*a fol.* 61) fejn ezebiet sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat fis-27 ta' Frar 2012, liema sentenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "KB 1" (*a fol.* 63).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014, xehed l-imputat **Brian Vella** (*a fol.* 76 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut mar biex jiehu t-tifel lura ghand l-eks mara tieghu Dorianne Caruana u li kif wasal fl-ahhar ftit targiet tat-tarag sab lil Jonathan Pace. Jghid li Pace mbuttah dawk it-tlett jew erba' targiet l-isfel. Jghid li Pace mar jigri fuq il-bejt u beda jdur mat-turetta u hu (Vella) mar warajh. Jghid li f'hin minnhom telghet Dorianne Caruana wkoll fuq il-bejt u filwaqt li Pace nizel l-isfel, Caruana ma hallietux jinzel l-isfel lilu (lil Vella). Jghid li Pace tefghalu gebla u ma laqtux u sgicca u nizel 'l isfel. Jghid ukoll li kien hemm *DVD* mal-art u tefghu fuq il-bejt ta' magenbhom. Jghid li Pace beda jkellmu hazin u joffendih.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li kien Pace li qabad il-gebla l-ewwel u li din kienet l-istess gebla li huwa (Vella) qabad wara li Pace kien tefaghielu. Jghid li din il-gebla hu (Vella) ma tefaghhiex lil Pace pero zammha f'idejh halli jbezzghu. Jghid li x'hin telghet Dorianne Caruana fuq il-bejt, hi bdiet izomm lilu (lil Vella). Mistoqsi jghid x'ghamel hu meta Caruana bdiet izommu, wiegeb: *"Xejn, bdejt nipprova nnehhilha idejha minn mieghi biss biex thallini"* (*a fol.* 78). Mistoqsi jghid kif spicca bid-demm, ighid li ma jafx. Jghid li meta dahal fl-appartament, sab *frame* tieghu (ta' Vella) ma' Dorianne Caruana u ried iqatta' r-ritratt u peress li ma setghax jifthu, kissru. Mistoqsi jghid jekk jafx li dakinhar Dorianne Caruana wegghhet wiegeb fl-affermattiv u jghid li qaltlu t-tifla. Ma jafx kif wegghet. Mistoqsi jghid jekk qatt kellu battibekki ma' Jonathan Pace wiegeb fin-negattiv u jghid li lil Pace jafu minn wiccu u li darba kellmu go l-Ghassa tal-Belt Valletta. Jghid li f'din id-darba kien gara incident zghir.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-isqarrija (Dok. "KB 3" – *a fol.* 10 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat, liema stqarrija nghatat wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt, l-imputat xehed fuq l-istess linji li huwa xehed meta ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti. Mistoqsi jghid kif wegghet Dorianne Caruana jghid li ma jafx. Mistoqsi jghid ukoll jekk f'xi hin qabadtx minn idha lil Dorianne Caruana, jghid li jista' jkun ghamel hekk biex inehhiha minn quddiemu.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikoli 214, 215, 216, 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Dorianne Caruana. Fil-konfront tal-imputat giet addebitata wkoll ic-cirkostanzi aggravanti li temergi minn Artikolu 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta li Caruana sofriet ksur f'idha x-xellugija. Dan gie konfermat minn Dr. Stephanie Frendo (*a fol.* 31 *et seq.*) li xehdet rigward ic-certifikat mediku redatt minnha li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "SF 1" (*a fol.* 33). Dr. Frendo kklasifikat il-griehi sofferti minn Caruana bhala gravi.

Illi l-Qorti sejra tghaddi issa biex tezamina kif sehh dan il-ksur f'id ix-xellugija ta' Caruana. Jirrizulta pruvat li f'xi hin Caruana marret izzomm lill-imputat. Dan jixhduh: Dorianne Caruana (*a fol.* 15 *et seq.*), Jonathan Pace (*a fol.* 20 *et seq.*) u, kif ukoll, mill-imputat innifsu (*a fol.* 76 *et seq.*). Il-Qorti tinnota wkoll s-segwenti:

- Meta Dorianne Caruana xehdet quddiem il-Qorti, filwaqt li kkonfermat li spiccat b'idha x-xelluguja miksura u li damet bil-gibs ghal sitt gimghat, tghid li ma tafx kif sehh dan il-ksur. Tghid: *"Le jiena naf li kelli idejja miksura pero ma nafx biex, ma nafx kif, ma naf xejn"* (*a fol.* 17).

- Brian Vella xehed li kien hemm hin fejn huwa pprova jnehhi id Dorianne Caruana minn fuqu biex thallieh (*a fol.* 78). Meta gie mistoqsi jghid jekk jafx li dakinhar Dorianne Caruana wegghet wiegeb fl-affermattiv u jghid li qaltlu t-tifla pero jghid li ma jafx kif wegghet (*a fol.* 79). Dan qalu wkoll fl-istqarrija (Dok. "KB 3" – *a fol.* 10 *et seq.*) rilaxxata minnu.

- Meta xehdet WPS 250 Amanda Bunce (*a fol.* 34 *et seq.*), li hejjiet ir-rapport (Dok. "AB 2" – *a fol.* 43 *et seq.*), qalet li Dorianne Caruana stqarret li l-imputat kien rewielha idejha (*a fol.* 35). Dan qalu wkoll PC 1393 Kurt Farrugia (*a fol.* 39).

- Meta xehdet l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Kylie Borg (*a fol.* 52 *et seq.*) qalet li Dorianne Caruana qaltilha li kienet telghet fuq il-bejt u bdiet tipprova zzomm lill-imputat u qaltilha li fil-konfuzjoni ma kienitx taf ezatt kif graw l-affarijiet.

Illi minn dan kollu, filwaqt li gie pruvat li Dorianne Caruana sofriet griehi ta' natura gravi, ma jirrizultax pruvat ezatt kif sehh il-ksur f'id ix-xellugija taghha. Ghalkemm il-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputat kienx il-persuna li kkaguna tali ksur, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. *Di fatti*, il-Qorti jidhrilha li bil-provi li ghandha f'idejha, il-Qorti ma tista' qatt tasal ghal sejbien ta' htija fil-konfront tal-imputat fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u dana fuq bazi ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**, deciza fl-24 t'April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

> "Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din *a course of conduct* fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

Illi l-Artikolu tal-Ligi, cioé Artikolu 251B((1) jghid hekk: *"li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra"*. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-provi mismugha minn din il-Qorti, il-Qorti hija tal-fehma li ma giex pruvat li effettivament l-imputat kien b'xi mod

ikkaguna biza' fuq il-persuna ta' Jonathan Pace li kienet ser tintuza vjolenza kontra tieghu. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat ukoll mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti**, fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza deciza mill-istess Qorti (diversament preseduta) fis-27 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini**:

> "Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Massimo Tivisini** deciz fis-27 ta Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:
>
> "Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- *"Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*, dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat *"in isolation"* b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez** [21.6.07]:- *"...f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien"*.
>
> [...]
>
> Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz 'harassment') gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli

tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra.  Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli.  Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' ('alarming') jew idejjaq ('causing...distress') lill-persuna.

[...]

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ('alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew 'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati".

Din il-Qorti zzid dan li gej.  L-artikolu (251A tal-Kap 9) huwa msejjes fuq l-ewwel zewg artikoli tal-Protection of Harassment Act 1997 li jibda bil-kelmiet: 'A person must not pursue a course of conduct' li fil-ligi taghna hekk: 'Persuna li ggib ruhha'.

Skont l-Archbold: 'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that

they should be described as 'a course of conduct'. (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC).

In Pratt vs DPP, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.

Under section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender, such as his mental illness; and the test is section 1(30(c is even more clearly objective: R v Colohan".

Illi, skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, sabiex jissussisti r-reat ta' fastidju irid ikun hemm kontinwita' jew ripetizzjoni ta' incident u mhux incident wiehed. Minn dak li xehdu x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ma jirrizultax li gie pruvat il-*course of conduct* rikjest sabiex tista' tinsab htija tal-imputat fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Ma jirrizultax li kien hemm xi atteggjament da parte tal-imputat fil-konfront ta' Jonathan Pace li jista' jigi kunsidrat bhala wiehed ripetittiv u persistenti. Ghaldaqsant, l-imputat ser jigi liberat ukoll mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi l-imputat jinsab akkuzat li ghamel hsara volontarja fid-DVD *recorder* ta' Jonathan Pace, liema *recorder* ghandu l-valur ta' € 45.00. Mill-provi rrizulta s-segwenti:

- Jonathan Pace jghid li meta biex jigbor id-DVD *player*, Dorianne Caruana qaltlu li l-imputat kien tefghu x'imkien faccata u hu (Pace) mar jigbru minn hemm u sabu mkisser (*a fol.* 21).

- L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Kylie Borg tispjega kif l-imputat ammetta maghha li kien waddab id-*DVD* minn fuq il-bejt tal-appartament ta' Dorianne Caruana ghal fuq il-bejt fil-vicin (*a fol.* 52).

- L-imputat Brian Vella jixhed li kien hemm *DVD* mal-art u tefghu fuq il-bejt ta' magenbhom (*a fol.* 76).

- Giet ezebita rcevuta tad-DVD fl-ammont ta' € 45.00, liema rcevuta giet mmarkata bhala Dok. "JP 1" (*a fol.* 23).

Minn dak li nghad hawn fuq, m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li r-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentment pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi minn qari tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat jirrizulta li din temergi minn Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn harsa lejn l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali (*a fol.* 56), jirrizulta li l-Avukat Generali jidhirlu li ghandha tinstab htija tal-imputat taht l-Artikolu 339(e). Jirrizulta li Artikolu 339(e) ma jezistiex fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero jezisti biss Artikolu 339(1)(e).

Illi minn qari tal-imputazzjoni fic-citazzjoni pprezentata fir-Registru tal-Qorti kontra l-imputat jirrizulta li l-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat tirreferi ghall-ksur ta' Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imputat kien jaf b'liema fatti kien qed jigi akkuzat. Kien ikun ferm ahjar kieku l-Avukat Generali ndika l-artikolu ezatt tal-ligi (inkluz is-sub-artikolu – u mhux ihallih barra) u dana sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet bla bzonn pero, tenut kont ta' dak li nghad, il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra n-nuqqas tal-Avukat Generali milli jindika s-sub-artikolu bhala *lapsus calami*.

Illi, minkejja dan, minn imkien ma jirrizulta li f'xi hin l-imputat ingurja jew hedded lil Jonathan Pace ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat mill-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni**

**(Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta)**:

Illi din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal sentenza moghtija fis-27 ta' Frar 2012. Il-Prosekuzzjoni ezebiet *charge sheet* li hija ssejjah bhala sentenza, liema *charge sheet* giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "KB 1" (*a fol.* 63). Minn din ic-*charge sheet* jirrizulta li l-konnotati tal-persuna akkuzata huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna. Minkejja dan il-Qorti tinnota s-segwenti: (a) li din ic-*charge sheet* mhijiex vera kopja ta' l-ebda dokument u (b) fuqha kull ma hemm indikat huwa "Ammissjoni. Artikolu 383 tal-Kap. 9 ghal sena taht penali ta' € 800.00". Minn imkien minn dan id-dokument ma jirrizulta li l-imputat kien inghata liberta kondizzjonata. Ghaldaqstant, ma jistghax jinghad li l-imputat b'xi mod kiser Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif indikat fin-Nota tar-Rinviju ghal gudizzju.

**Ikkunsidrat**

Illi hija biss ir-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat li giet sodisfacentement pruvata. L-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (Dok. "KB 2" – *a fol.* 8 *et seq.*), in-natura tar-reat li gie pruvat u kif ukoll il-valur tal-oggett li saret il-hsara fuqu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-4 ta' Dicembru 2012, b'mod partikolari Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Brian Vella hati tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-fehma tal-Qorti, jissusistu cirkostanzi ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputat Brian Vella bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sitt (6) xhur millum u tordna li sa zmien gimgha millum l-imputat ihallas is-somma ta' hamsa u erbghin Euro (€ 45.00) lil Jonathan Pace.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata u jekk ma jhallasx is-somma ta’ hamsa u erbghin Euro (€ 45.00) lil Jonathan Pace fiz-zmien lilu moghti.

Finalment, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fir-rigward ta’ Dorianne Caruana u Jonathan Pace *stante* li Caruana rrinunzjat ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat u *stante* li ma jezistux ragunijiet bizzejjed ghal tali applikazzjoni fir-rigward ta’ Jonathan Pace.

Minkejja dan, il-Qorti filwaqt li tordna lill-imputat milli jevita li b’xi mod jew iehor jimmolesta lil Dorianne Caruana, wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-hati b’garanzija personali ta’ elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta’ Jonathan Pace.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------